# KAPITOLU 448

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TA’ ARTIJIET

*Biex jipprovdi dwar l-amministrazzjoni ta’ artijiet.*

5 ta’ Marzu, 2003

*L-ATT XI ta’ l-2002, kif emendat bl-Avviżi Legali 181 u 186 ta’ l-2006.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta’ Artijiet.

Titolu fil-qosor.

**2.** Għall-iskop ta’ dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra, il-kelma "art" tinkludi kull ħaġa immobbli kif ukoll kull dritt reali fuq l-immobbli.

Tifsir.

**3.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, b’effett mill-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att, kull art li tappartjeni lill-fondazzjonijiet u amministrazzjonijiet, amministrati mill-Gvern separatament mill-amministrazzjoni ta’ art oħra li tappartjeni lill-Gvern, qed tiġi vestita fil-Gvern u l-Gvern għandu jittratta u jamministra dik l-art li qed tiġi hekk vestita bis-saħħa ta’ dan l-Att bl-istess mod bħal kull art oħra li tappartjeni lill-Gvern bi proprjetà assoluta u jista’ jneħħi dik l-art skond hekk, u b’effett minn dak il-bidu fis-seħħ kull passiv ta’ jew li jsir dovut f’dak li għandu x’jaqsam ma’ dik l-amministrazzjoni jsir passiv tal-Gvern jew lilu dovut bis-saħħa ta’ dan l-Att, u kull ħlas li jsir hekk dovut mill-Gvern ikun addebitat lill-Fond Konsolidat mingħajr approprjazzjoni oħra barra dan l-Att.

Art li tiġi vestita fil-Gvern.

**4.** Mingħajr preġudizzju għal xi konsolidazzjoni tad-dirett dominju ma’ l-utili dominju li ssir meta l-art tiġi vestita kif provdut fl-artikolu 3, id-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu ma jolqtu ebda enfitewsi jew kirja mogħtija dwar dik l-art jew xi servitù li għalih xi art bħal dik tista’ tkun suġġetta, u kull enfitewsi jew kirja bħal dawk għandhom, għall-finijiet kollha, jitqiesu li ngħataw mill-Gvern u għandu jsir minnhom skond hekk.

Effett fuq l-enfitewsi, eċċ.

**5.** B’effett mill-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att, kull piż jew gravami li għalih xi art bħal dik imsemmija fl-artikolu 3 ta’ dan l-Att tista’, qabel il-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att, tkun suġġetta, u kull ħlas ieħor jew għemil ieħor li, qabel l-imsemmija data, ikun dovut dwar xi attiv bħal dak, għandu, bis-saħħa ta’ dan l-Att, jieqaf milli jkun piż jew gravami fuq, jew ħlas jew għemil dovut dwar xi art bħal dik, u kull somma jew oġġett jew għemil ieħor li, kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, kienu jkunu dovuti li jitħallsu jew li jsiru minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta’ l-Att, għandhom, minn dak il-bidu fis-seħħ, ikunu dovuti li jitħallsu jew li jsiru mill-Gvern, u kull ħlas hekk dovut ikun addebitat lill-Fond Konsolidat mingħajr approprjazzjoni oħra barra dan l-Att.

Obbligazzjonijiet marbutin ma’ art li tiġi vestita fil-Gvern.

**6.** (1) Kull min jivvanta dritt ta’ kumpens dwar l-art li tkun qegħda tiġi vestita fil-Gvern kif imsemmi f’dan l-Att ikollu dritt li jaċċedi, permezz ta’ rikors ġuramentat li jsir kontra l-Gvern fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex jiġi stabbilit l-interess tiegħu f’dik l-art jew fuqha u l-ammont ta’ kull kumpens li jista’ jkollu

Talbiet.
*Emendat:*
*A.L. 181 ta’ l-2006;*
*A.L. 186 ta’ l-2006.*

jedd għalih u għall-ħlas ta' dak il-kumpens.

(2) Jista' jsir appell fil-Qorti ta' l-Appell minn kull deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

(3) Ma tista' tiġi ppreżentata ebda azzjoni taħt dan l-artikolu wara l-iskadenza ta' sitt xhur minn meta dan l-Att jibda jseħħ.

Kap. 358.

(4) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Ftehim inkorporat fl-Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, għandhom japplikaw dwar kull art li minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att kienet tappartjeni lil xi fondazzjoni jew amministrazzjoni li fir-rigward tagħha japplika dan l-Att u li, kieku ma kienx għall-Ftehim fuq imsemmi, xi enti ekklesjastiku jkun jista' jivvanta xi dritt għall-kumpens dwarha, u l-Uffiċċju Konġunt u l-Kumitat ta' Kontroll imwaqqfa bl-istess Ftehim għandhom ikomplu jkollhom dwar l-art imsemmija f'dan is-subartikolu l-istess funzjonijiet bħalma għandhom dwar kull art oħra msemmija fil-ftehim jew li dwarha jkun japplika dak il-Ftehim.